**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum, 23 ta' Frar 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**STEFAN NAYDENOV**
***Ommissis***

**Kump.Nru. 865/2008**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Stefan Naydenov, detentur tal-karta tal-identita` numru 39040A**, u *ommissis*, gew akkuzati talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn it-18 u d-19 ta'Dicembru 2007 f'xi hin gewwa Bugibba San Pawl il-Bahar ikkommettejtu serq ta' hwejjeg ta' valur aktar minn 233 euros u inqas minn 2330 euros, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Nicola u Gaetano Romano.

2. U aktar talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi volontarjament ghamiltu hsarat li jammontaw ghall-aktar minn 233 euros u inqas minn 2330 euros ghad-dannu ta’ Gaetano u Nicola Romano.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-17 ta` Frar 2016 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat li, fl-udjenza ta’ llum 23 ta’ Frar 2016, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-NPS report 9/V/1214/2007, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta’ piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat *inter alia*, l-ammissjoni ta` l-imputat, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f’dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b’din is-sentenza;

**GHAL DAWN IL-MOTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 279 u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Stefan Naydenov hati ta’ l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Stefan Naydenov bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat

matul il-perjodu ta` sena mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Stefan Naydenov fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur